SKOLA THERESA NUZZO

**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2019**

| Marka totali |
|---|
| ____ |
| 60 |

| | | |
|---|---|---|
| Ir-raba' sena | MALTI KITBA | Ħin: siegħa u kwart |
| | Karta tal-istudenti | |

**Isem:**______________________________ **Klassi:**____________

| Il-Marki | |
|---|---|
| Il-Fehem mill-Qari | Il-Kitba |
| ______________________ | ______________________ |
| 30 marka | 30 marka |

## Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek, kunjomok u **l-klassi**.
- Qabel tikteb **it-tweġiba, ifhem sewwa il-mistoqsija**.
- Jekk ma tkunx taf xi **tweġiba ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar**.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Qis li ma tħalli barra xejn.

## TAQSIMA A: - Il-FEHIM MILL-QARI

### A. Aqra sew dan l-avviż.




**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-avviż li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

1. **Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux Veru jew Falz:** (4 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra ser jorganizza serata ta' kant. | |
| b. | Is-Serata ta' Kant ser issir għat-tfal Għawdxin kollha. | |
| ċ | Is-serata ser issir is-Sibt 21 ta' Awwissu 2010. | |
| d | Din is-serata ser issir qrib il-festa tal-Bambina. | |

2. **Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** ( 4 marki)

a. Is-serata ser tibda (fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija, fil-ħamsa ta' waranofsinhar, fit-tmienja u nofs ta' filgħodu).

b. Is-serata ser issir (f'Misraħ il-Vitorja, quddiem il-każin tal-banda).

ċ. F'din is-serata ser jieħdu gost (it-tfal biss, kulħadd, ix-xjuħ).

d. Kelma oħra għal "misraħ" hija (pjazza, triq wiesa', sqaq).

3. Min ser jieħu sehem f'din is-serata? (2 marki)

________________________________________________________

________________________________________________________.



**B. Aqra sew din is-silta.** ( 20 marka)

## Dak l-Imbierek Bebbux



In-nannu Ġużi kien ilu ġej u sejjer għand Ninu tal-ħaxix forsi jġiblu barmil bebbux. Fl-antik, in-nannu spiss kien imur jiġbor il-bebbux ma' ħuh Salvu minn qalb il-ħitan tas-sejjieħ. Tgħidx kemm kien jimla bramel u basktijiet bil-bebbux u jeħodhom miegħu d-dar. Imma dan l-aħħar, it-tiftix għall-bebbux ma baqax isir u n-nannu kien tassew imxennaq għal erba' bebbuxiet stuffat. *(paragrafu 1)*

Ninu tal-ħaxix ma tantx kien jaqla' flus mill-bebbux għax in-nies tal-inħawi ftit li xejn kienu jixtruh. Dan l-aħħar ma kienx baqa' jġibu minħabba li kien jispiċċa jarmih. Iżda lin-nannu kien tħassru dejjem jistaqsih għalih, u qatagħha li jġiblu barmil bebbux biex jikkuntentah. *(paragrafu 2)*



Kemm feraħ in-nannu, meta darba waħda fi triqtu lejn id-dar wara l-quddiesa tat-tmienja ta' filgħodu, Ninu tal-ħaxix tah barmil mimli bebbux kbir u sabiħ. Tant feraħ in-nannu li telaq jiġri bil-barmil mimli bebbux lejn id-dar qisu kien sab teżor. Lanqas laħaq daħal ġewwa li ma bediex jgħajjat lin-nanna Marija biex juriha x'kien ġab miegħu d-dar. Minflokha, wieġbu Luca, li dakinhar inserta kien id-dar tan-nanniet għax kien marid. Qallu li n-nanna qed tonxor il-ħwejjeġ fuq il-bejt. *(paragrafu 3)*



F'daqqa waħda beda jdoqq it-telefown, u n-nannu ħalla l-barmil fis-salott, għalaq il-bieb warajh u mar jara min kien qed iċempel. Luca ġietu l-kurżità biex jara x'kien fih il-barmil. Kif ra lin-nannu jitkellem fuq it-telefown, kixef l-għatu tal-barmil u ħa qatgħa għax qatt ma ra dak il-bebbux kollu quddiem għajnejh. Telaq jiġri l barra mingħajr ma reġa' poġġa l-għatu fejn kien. In-nannu kien għadu jparla fuq it-telefown mal-ħabib tiegħu Bertu. X'ħin in-nanna daħlet lura d-dar, hu nesa jgħidilha li Ninu tal-ħaxix kien tah il-bebbux. *(paragrafu 4)*

***(Silta meħudha minn Sagħtar Jannar 2014 p. 12)***

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li qrajt.**

**1. Ikteb jekk hux <u>Veru</u> jew <u>Falz</u>:** *(4 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| a. | In-nannu jismu Salvu. | |
| b. | Ninu tal-ħaxix ma tantx kien jaqla' flus mill-bebbux. | |
| ċ. | In-nannu kien jisma' l-quddiesa tat-tmienja ta' filgħodu. | |
| d. | In-nanna jisimha Marija. | |

**2. Imla l-vojt kif meħtieġ:** *(4 marki)*

a. Fl-antik in-nannu kien jiġbor il-bebbux minn qalb il-ħajt tas-____________.

b. In-nannu xtaq jiekol erba' bebbuxiet ___________.

ċ. Tant feraħ in-nannu bil-bebbux li kien tah Salvu, li kien qisu sab l-aqwa

_______________.

d. Bertu kien il- _________________ tan-nannu.



**3. Wieġeb b'sentenzi sħaħ:** *(12-il marka)*

a. Min hu Luca? *(par.3)*

______________________________________________. (1)

b. Għaliex dakinhar tal-istorja Luca kien id-dar tan-nanniet? *(par.3)*

______________________________________________

______________________________________________. (1)

ċ) Fejn kienet in-nanna Marija? (par. 3)

______________________________________________

______________________________________________. (1)



d) i) Sib kelma mis-silta *(par.2)* li tfisser **iferrħu** - j____________.

ii) F' paragrafu 3, il-frażi 'fi triqtu lejn id-dar' tfisser ____________________

____________________________________________________________. (2)

e) X'għamel in-nannu x'ħin beda jdoqq it-telefown? *(par. 4)*

________________________________________________________________

________________________________________________________________. (2)

f) X'għamel it-tifel sakemm in-nannu kien jitkellem fuq it-telefown? *(par. 4)*

________________________________________________________________

________________________________________________________________. (2)

ġ) Kif taħseb li tispiċċa din l-istorja?

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________. (3)

**Taqsima B. – GRAMMATIKA** (10 marki)

**1. Aqra din l-istorja qasira u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Pawlu libes ġlekk milli kellu. Huwa xedd ġlekk qadim, li xi darba kien ta' missieru imma li kien għadu sura għax missieru ftit li xejn kien jilbsu. Fl-għaxra telaq lejn Tas-Sliema fejn kien joqgħod dak is-sinjur li kien ftiehem miegħu.

| | |
|---|---|
| a. | Mill-istorja sib u ikteb **verb fil-passat**. ______________________ |
| b. | Mill-istorja sib u ikteb **verb fil-preżent**. ______________________ |
| ċ. | Mill-istorja sib u ikteb **nom proprju**. ______________________ |
| d. | Mill-istorja sib u ikteb **nom komuni**. ______________________ |
| e. | Mill-istorja sib u ikteb **aġġettiv**. ________________________ |

**2. Wieġeb dawn il-mistoqijiet.**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Agħti **l-plural** tal-kelma **ġlekk**. | ______________________________ |
| b. | Ikteb **il-mamma** tal-verb **jilbes**. | ______________________________ |
| ċ. | Ikteb **l-għerq** tal-verb **telaq.** | ______________________________ |
| d. | Agħżel it-tajba: **dawwru** / **dawru** | Zijuh ____________ mar-raħal kollu. |
| e. | Imla l-vojt **bl-artiklu** t-tajjeb. | Dawn _____ statwi huma mill-isbaħ! |

## TAQSIMA Ċ. – Il-Kitba

1. **Ikteb Kepxin taħt kull stampa.** (3 marki)





2.**Agħżel WIEĦED minn dawn it-titli. B'Malti sabiħ u tajjeb, ikteb fi tliet paragrafi ta' mhux inqas minn 90 kelma. Aqra l-kliem mogħti fil-parentesi sabiex jgħinek tikteb.** (17-il marka)

**a. Immaġina li inti kelb/a. Iddeskrivi ġurnata minn ħajtek.**
(*X'jismek? Fejn tgħix? X'jismu sidek? X'ġara darba minnhom? Fejn mort u ma' min iltqajt?*)

**b. Serqa**
(*Fejn kont? Ma' min? X'ġara f'daqqa waħda? X'għamilt? Kif ħassejtek? Ġabuha fuq il-gazzetti jew fuq l-aħbarijiet?*)

**ċ. Darba waħda, Mark kien fil-ġnien ...**
Ibda l-kitba tiegħek b'din is-sentenza. L-istampi jistgħu jgħinuk.



Uża dan l-ispazju biex tikteb xi ideat sabiex tippjana l-istorja tiegħek.

(2 marki)

Ikteb it-titlu li għażilt: ______________________________ ( 15-il marka)

--------------- TMIEM --------------

| | | |
|---|---|---|
| Ideat | 5 | |
| Grammatika | 3 | |
| Vokabularju | 4 | |
| Punteġġjatura | 3 | |
| **Total** | | |